

Brussell, 22 ta' Ottubru 2020  
(OR. en)

12174/20

---

Fajl Interistituzzjonali:  
2020/0248(NLE)

---

SCH-EVAL 164  
ENFOPOL 258  
COMIX 495

## EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

---

minn: Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill

fi: 20 ta' Ottubru 2020

lil: Delegazzjonijiet

---

Nru. dok. preċ.: 11288/20

---

Suġġett: Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill li tagħti rakkomandazzjoni biex jiġu indirizzati n-nuqqasijiet identifikati fl-evalwazzjoni tal-2019 tas-**Slovakkja** dwar l-applikazzjoni tal-acquis ta' Schengen fil-qasam tal-**kooperazzjoni tal-pulizija**

---

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuża d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill li tagħti Rakkomandazzjoni biex jiġu indirizzati n-nuqqasijiet identifikati fl-evalwazzjoni tal-2019 tas-Slovakkja dwar l-applikazzjoni tal-acquis ta' Schengen fil-qasam tal-kooperazzjoni tal-pulizija, adottata permezz ta' proċedura bil-miktub fl-20 ta' Ottubru 2020.

F'konformità mal-Artikolu 15(3) tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1053/2013 tas-7 ta' Ottubru 2013, din ir-Rakkomandazzjoni ser tintbagħat lill-Parlament Ewropew u lill-Parlamenti nazzjonali.

## **RAKKOMANDAZZJONI**

**biex jiġu indirizzati n-nuqqasijiet identifikati fl-evalwazzjoni tal-2019 tas-Slovakkja dwar l-applikazzjoni tal-acquis ta' Schengen fil-qasam tal-kooperazzjoni tal-pulizija**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1053/2013 tas-7 ta' Ottubru 2013 li jistabbilixxi mekkaniżmu ta' evalwazzjoni u monitoraġġ biex jivverifika l-applikazzjoni tal-acquis ta' Schengen u li jħassar id-Deċiżjoni tal-Kumitat Eżekuttiv tas-16 ta' Settembru 1998 li stabbilixxiet Kumitat Permanenti għall-evalwazzjoni u l-implimentazzjoni ta' Schengen<sup>1</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 15 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) L-għan ta' din id-Deċiżjoni huwa li tirrakkomanda lis-Slovakkja azzjonijiet korrettivi biex tindirizza n-nuqqasijiet identifikati fl-evalwazzjoni ta' Schengen fil-qasam tal-kooperazzjoni tal-pulizija li saret fl-2019. Wara l-evalwazzjoni, rapport li jkopri s-sejbiet u l-valutazzjonijiet u li jelenka l-aħjar prattiki u n-nuqqasijiet identifikati matul l-evalwazzjoni, ġie adottat bid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni C(2020) 4100.
- (2) Fid-dawl tal-importanza tat-titjib meħtieġ fl-applikazzjoni tal-kooperazzjoni tal-pulizija, jenħtieġ li tingħata prijorità lill-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet 1, 4 u 8 f'din id-Deċiżjoni.

---

<sup>1</sup> ĠU L 295, 6.11.2013, p. 27.

- (3) Din id-Deċiżjoni jenħtieġ li tintbagħat lill-Parlament Ewropew u lill-parlamenti nazzjonali tal-Istati Membri. F'konformità mal-Artikolu 16(8) tar-Regolament (UE) Nru 1053/2013, jenħtieġ li, fi żmien sitt xhur mill-adozzjoni tagħha, is-Slovakkja tipprovdi valutazzjoni tat-titjib lill-Kummissjoni b'deskrizzjoni tal-azzjonijiet meħtieġa,

#### JIRRAKKOMANDA:

li jenħtieġ li s-Slovakkja:

1. Tiżviluppa malajr strateġija ta' analiżi tar-riskju b'kunsiderazzjoni ta' theddid transkonfinali u tinkorpora theddid identifikat mill-unitajiet tal-pulizija fil-livelli kollha u tibni sistema nazzjonali unika ta' valutazzjoni ta' theddid għall-pulizija;
2. Tiżviluppa linji gwida (inkluż eżempji prattiċi) għall-għażla ta' kanali għall-kooperazzjoni internazzjonali bejn il-forzi tal-pulizija u tagħmilhom aċċessibbli fil-livelli kollha tal-pulizija;
3. Ittejjeb il-għbir u l-analiżi mill-Uffiċċju Internazzjonali ta' Kooperazzjoni tal-Pulizija ta' data rigward l-implimentazzjoni tal-artikoli rilevanti tal-Konvenzjoni ta' Schengen (fosthom l-artikoli 39 sa 41) sabiex jitjiebu l-evalwazzjoni u l-ġestjoni ta' operazzjonijiet transkonfinali;
4. Tara li l-bażijiet ta' data u l-kanali internazzjonali rilevanti kollha, inkluż l-Applikazzjoni ta' Network għall-Iskambju Sikur ta' Informazzjoni tal-Europol, ikunu direttament disponibbli il-ħin kollu bla waqfien 24/7 għad-diviżjonijiet kollha tal-IPCO;
5. Tagħti aċċess għall-Applikazzjoni ta' Network għall-Iskambju ta' Informazzjoni Sikura tal-Europol lill-unitajiet tal-pulizija rilevanti barra l-Uffiċċju Internazzjonali għall-Kooperazzjoni tal-Pulizija kemm jista' jkun malajr wara talba (f'konformità mal-pjanijiet attwali), kif ukoll lill-aġenziji tal-infurzar tal-liġi oħrajn (eż. l-Uffiċċju għall-Irkupru tal-Assi u l-Amministrazzjoni Finanzjarja speċjalment l-Uffiċċju tal-Amministrazzjoni Finanzjarja Kriminali) u tikkunsidra l-għoti ta' aċċess liċ-ċentri ta' kooperazzjoni tal-Pulizija (u tad-dwana);

6. Testendi l-aċċess għas-Sistema ta' Informazzjoni tal-Europol fi ħdan il-pulizija u aġenziji oħra tal-infurzar tal-liġi, u tara li jiżdied l-użu tagħha, pereżempju fil-kuntest tal-użu tal-ġhodda tal-IT tas-Sistema ta' Tfittxija tal-Europol (QUEST);
7. Tara li ssir kontroverifika awtomatizzata tad-data minn talbiet li jidħlu kontra s-sistema ta' ġestjoni ta' każijiet tal-Uffiċċju tal-Kooperazzjoni Internazzjonali tal-Pulizija u l-bażijiet ta' data nazzjonali;
8. Ittejjeb il-funzjonalitajiet tekniċi u żżid l-għadd ta' tagħmir mobbli li jippermetti l-aċċess għall-bażijiet ta' data nazzjonali u internazzjonali rilevanti;
9. Tqajjem għarfien dwar il-benefiċċji u ż-żieda fl-użu tad-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2006/960/ĠAI tat-18 ta' Diċembru 2006 dwar is-simplifikazzjoni tal-iskambju ta' informazzjoni u intelligence bejn l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea;
10. Tqajjem sensibilizzazzjoni dwar l-użu xieraq tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/633/ĠAI tat-23 ta' Ġunju 2008 li tikkonċerna l-aċċess għall-konsultazzjoni tas-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża minn awtoritajiet deżinjati ta' Stati Membri u mill-Europol għall-finijiet tal-prevenzjoni, tad-detezzjoni u tal-investigazzjoni ta' reati terroristiċi u ta' reati kriminali serji oħra;
11. Tiżviluppa u tippromwovi pjattaforma ta' taġlim elettroniku faċli li tintuża li tkun disponibbli għall-uffiċjali tal-pulizija kollha u li tkun tkopri l-kwistjonijiet ta' kooperazzjoni internazzjonali tal-pulizija u kwalunkwe suġġett ieħor ta' interess professjonali;
12. Tippromwovi u ttejjeb id-disponibbiltà ta' taħriġ tal-lingwa għall-persunal tal-pulizija, speċjalment fil-kuntest ta' taħriġ kontinwu;

13. Tiżviluppa u taġġorna taħriġ bażiku u kontinwu għall-uffiċjali tal-pulizija dwar l-*acquis* ta' Schengen u dwar l-użu ta' għodod nazzjonali u internazzjonali bħas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen, l-Applikazzjoni ta' Network għall-Iskambju Sikur ta' Informazzjoni tal-Europol, is-Sistema ta' Informazzjoni tal-Europol u l-bażijiet ta' data tal-Interpol. Jenħtieġ li tingħata prijorià lit-taħriġ dedikat għall-persunal tal-Uffiċċju għall-Kooperazzjoni Internazzjonali tal-Pulizija;
14. Tevalwa l-interess ta' preżenza akbar tal-Amministrazzjoni Finanzjarja fiċ-Ċentri ta' Kooperazzjoni tal-Pulizija (u tad-Dwana) u fl-uffiċċju ta' kollegament tal-Europol għall-kooperazzjoni msaħħa fl-infurzar tal-liġi;
15. Tikkunsidra soluzzjonijiet għall-estensjoni tal-kopertura tal-komunikazzjonijiet bir-radju fil-pajjiżi ġirien għall-fini ta' operazzjonijiet transkonfinali.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

---